StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2012**

**IS-SITT SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u kwart**

**L-Isem u l-Kunjom: ___________________________ Il-Klassi: ____________**

**Taqsima A** ***(20 marka)***

**IL-QUDDIESA**

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B. Sentenza 1 hija eżempju.** *(10 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Kull nhar ta' Ħadd | | hu l-aqwa rigal li Alla l-Missier seta' jagħtina. |
| 2. | L-ambone | | hija l-akbar talba li nistgħu nagħmlu lil Alla. |
| 3. | Fil-qari tal-Bibbja | | lil Alla ta' dak kollu li għamel magħna. |
| 4. | Ġesù | | il-ħobż u l-inbid isiru l-ġisem u d-demm ta' Ġesù. |
| 5. | Dak li Ġesù għamel fuq is-salib | **1** | nieqfu mix-xogħol u nieħdu sehem fil-quddiesa. |
| 6. | Il-quddiesa | | kif ħabbna Ġesù. |
| 7. | Fil-konsagrazzjoni | | bil-ġabra u l-qima. |
| 8. | Fil-quddiesa rroddu ħajr | | huwa l-post minn fejn tinqara l-kelma t'Alla. |
| 9. | Għandna nersqu għat-tqarbin | | jagħmlu mill-ġdid f'kull quddiesa li ssir. |
| 10. | Wara l-quddiesa nkomplu nħobbu lil xulxin | | nirċievu lil Ġesù ġewwa fina. |
| 11. | Fit-tqarbin | | Alla jwasslilna l-kelma tiegħu. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra hija għajnuna.**
**L-ewwel sentenza hija eżempju.**

1. Waqt l-O**<u>ffertorju</u>** lil Alla noffrulu lil Ibnu Ġesù u lilna nfusna.
2. Fil-Liturġija tal-Kelma naqraw siltiet mill-B_______________.
3. Fl-E_______________ nsibu l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù

   għax fih insibu l-ħajja u t-tagħlim tiegħu.
4. Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija fl-Aħħar

   Ċ_______________.



**Wieġeb din il-mistoqsija.**

5. Dak li nagħmlu fil-quddiesa ngħixuh fil-ħajja ta' kuljum billi nġibu l-paċi fost kulħadd. Agħti **żewġ** eżempji kif inti tista' ġġib il-paċi fost sħabek.

a) _______________________________________________________

b) _______________________________________________________ *(4 marki)*

**Taqsima B** **_(5 marki)_**

**ĠESÙ KRISTU**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel sentenza hija eżempju.**

1. Il-kelma 'Avvent' tfisser (<u>il-miġja</u>, il-wasla, it-tluq) tal-Mulej.

2. (Fil-Missierna, Fil-Kredu, Fl-Att tal-Indiema) ngħidu li Ġesù kien bniedem u kien Alla wkoll.



3. Bħala Alla, Ġesù kien jeżisti minn dejjem mal-Missier u (ma' Marija, mal-appostli, mal-Ispirtu s-Santu).

4. Quddiem Pilatu, il-Lhud għażlu li jeħilsu lil (Pietru, Barabba, Lazzru) flok Ġesù.

5. "*Demmu fuqna u fuq uliedna*". Dan il-kliem qaluh (is-Samaritani, il-Lhud, l-Appostli) meta riedu jsallbu lil Ġesù.

6. L-ikbar festa tal-Knisja Kattolika hija (l-Għid il-Kbir, il-Milied, Santa Marija).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C** *(10*

**ALLA F'ĦAJJITNA**

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.**
**L-ewwel sentenza hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| nida | tal-Ispirtu | kullimkien | ruħ |
| qaddis | ~~Alla~~ | Ġob | tiegħek |
| jgħix | il-qawwa | xbieha | |

1. Is-sema, il-baħar, il-fjuri u l-annimali huma lkoll ħolqien ta' **Alla**.

2. _______________ m'għarafx mill-ewwel li l-ħolqien jurina kemm Alla hu tassew kbir u għaref. Kultant kien jaħseb li Alla m'għamilx kollox sewwa.

3. Lil Alla għandna ngħidulu: "Mulej, int kbir bil-bosta. _______________ tiegħek hi tal-għaġeb. Quddiemek id-dinja qisha traba fil-miżien jew qatra _______________ li tinżel fuq l-art."

4. Ngħidu li Alla hu kbir u _______________ għax huwa fuq kollox u fuq kulħadd. Alla jaf kollox, jista' kollox u jinsab _______________.

5. Lilna l-bnedmin Alla ħalaqna _______________ tiegħu. Tana _____________ li ma tispiċċax biex nibqgħu miegħu għal dejjem.

6. Aħna nistgħu ngħixu u nikbru għax Alla jżommna bil-qawwa _______________ tiegħu.

7. Ejjew nitolbu mill-Bibbja u ngħidu: "Int, O Sid, tħobb kulma _______________ u tagħder lil kulħadd, għax kollox huwa _______________."

**Taqsima D** ***(15-il marka)***

**L-GĦID IL-KBIR**

**Immarka t-tweġiba t-tajba permezz ta' X fil-kaxxa pprovduta.**

1. Ġesù qam mill-mewt wara
   - a. ġurnata ☐
   - b. tlett ijiem ☐
   - c. sebat ijiem ☐ *(marka)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Kieku Ġesù ma rxoxtax, il-fidi tagħna kienet tkun mibnija

a. fuq pedamenti sodi ☐

b. fuq pedamenti għoljin ☐

c. fuq ix-xejn ☐

*(marka)*

3. Bil-qawmien tiegħu Ġesù wera li fih kellu tassew

a. sitt ħajjiet ☐

b. il-qawwa t'Alla ☐

c. ħafna sabar ☐ *(marka)*

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor:**

4. Min kienet l-ewwel persuna li rat lil Ġesù wara li huwa qam mill-mewt?

_______________________________________________ *(2 marki)*

5. Wara li qam mill-mewt, Ġesù baqa' jidher lill-appostli. Għal kemm-il jum baqa' jidhrilhom?

_______________________________________________ *(2 marki)*

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma bl-ittra li għandek.**

6. Nhar S_______________ il-Għ_______________ bil-lejl inbierku n-nar il-ġdid u l-ilma tal-Magħmudija. *(4 marki)*

7. Min-nar nixegħlu l-B_______________ li jfisser Kristu Rxoxt. Wara nbierku l-ilma u nġeddu l-wegħdiet tal-M_______________ tagħna. *(4 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima E** ***(16-i***

**PAWLU F'MALTA**

**Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard. Mela Pawlu qabad qabda zkuk niexfa u tefagħhom fin-nar. Fiz-zkuk kien hemm lifgħa li, malli ħasset is-sħana, ħarġet u qabdet ma' id Pawlu. In-nies tal-gżira, kif raw il-lifgħa mdendla ma' idu, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: "Dan ir-raġel żgur xi qattiel, għax għad li ħelisha mill-baħar, il-ġustizzja ma ħallitux jgħix!" Imma hu farfar il-lifgħa ġon-nar u ma ġralu xejn. Huma stennew li se jarawh jintefaħ jew jaqa' u jmut f'daqqa. Wara li damu jistennew ħafna u raw li ma ġralu ebda deni, biddlu l-ħsieb u bdew jgħidu li kien xi alla. ***(Atti 28, 1-6)***

1. a) F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rakkont tan-nawfraġju ta' San Pawl?

   ________________________________________________ *(marka)*

   b) Min kiteb dan ir-rakkont?

   ________________________________________________ *(marka)*

2. Meta niċċelebraw il-festa tal-miġja ta' San Pawl f'pajjiżna?

   ________________________________________________ *(marka)*

3. Ikteb dwar x'wassal biex San Pawl spiċċa fi gżiritna.

   ________________________________________________

   ________________________________________________

   ________________________________________________

   ________________________________________________ *(4 marki)*

4. X'għamlu l-Maltin meta San Pawl u dawk li kienu fuq il-ġifen niżlu l-art?

   ________________________________________________

   ________________________________________________ *(2 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. X'qalu l-Maltin meta raw il-lifgħa mdendla ma' id Pawlu?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

6. Fuq min għallem u tkellem San Pawl meta kien Malta?

_______________________________________________ *(marka)*

7. Lil min ħalla San Pawl warajh biex ikompli jmexxi l-Knisja f'Malta?

_______________________________________________ *(marka)*

8. a) Għaliex din il-festa hija importanti għall-Insara Maltin?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

b) X'għandna nagħmlu f'dan il-jum?

_______________________________________________ *(marka)*

**Taqsima F** ***(7 marki)***

**IT-TALB: L-Att tal-Indiema**

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti lilek fil-kaxxa t'hawn taħt.**
**L-ewwel kelma hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| fid-dnub | ġenna | ħniena | naħrab |
| infern | nidneb | ~~Alla~~ | offendejtek |

Mulejja **Alla** tiegħi, jisgħobbija b'qalbi kollha minn dnubieti ta' ħajti kollha. Jisgħobbija, Mulejja, għall-________________ li tlift u għall-_______________ li rbaħt. Imma fuq kollox jisgħobbija għaliex regħextek u ________________ li inti kollok tjieba u ________________. Inħobbok, Mulejja, u nħobbok fuq kollox.

Mil-lum 'il quddiem, bil-għajnuna mqaddsa tiegħek, ma ________________ qatt u qatt iżjed; u la mmur fejn dari nidneb; ________________ ukoll dak kollu li dari waqqagħni ________________.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima G** *(11-m*

**IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET**

**Wieġeb il-mistoqsijiet fil-qosor.**

1. F’liema sagrament aħna nersqu għand Ġesù biex jaħfrilna dnubietna?

   ________________________________________________ *(marka)*

2. Bħala Nsara, minn fejn inġibu l-qawwa biex naħfru lill-oħrajn?

   ________________________________________________ *(2 marki)*

3. X’għandna nagħmlu qabel ma’ nersqu għal dan is-sagrament?

   ________________________________________________

   ________________________________________________ *(2 marki)*

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra hija għajnuna.**



4. Fil-bidu tal-quddiesa nistqarru li nagħmlu d-dnubiet bil-ħsieb, bil-k________________, bl-għ________________ jew billi nħallu dmirijietna. *(4 marki)*

5. X’qal Ġesù fuq is-salib biex juri li kien ħafer lil min kien sallbu?

   ________________________________________________

   ________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima H** ***(6 marki)***

**L-EPIFANIJA**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**
**L-ewwel sentenza hija eżempju.**

1. Is-Slaten Maġi npoġġuhom fil-presepju (qabel, <u>wara</u>, waqt) l-Milied.

2. Is-Slaten Maġi kienu nies għorrief li jistudjaw (il-baħar, il-kwiekeb, l-ilma).

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Permezz tas-sejħa tal-Maġi Ġesù ried jurina li r-razez (Ewropej, kollha) tad-dinja huma msejħa biex jimxu warajh.
4. Alla sejjaħ lis-Slaten Maġi permezz (ta' kewkba, ta' ħamiema, tar-rgħajja).



5. It-teżori li ħadu magħhom dawn is-Slaten Maġi kienu:
   a) inċens, ħobż u ilma;
   b) deheb, fidda u bronż;
   c) deheb, inċens u mirra.
6. Ġesù jixtieq li l-bnedmin tad-dinja kollha (jsalvaw, jgħumu, jistudjaw).
7. (Fiż-Żwieġ, Fil-Griżma tal-Isqof, Fil-Qrar) l-Ispirtu s-Santu jagħtina qawwa speċjali biex inkunu xhieda ta' Ġesù quddiem kulħadd.

**Taqsima I** ***(10 marki)***

**IL-MILIED**

**Ikteb ĦAMES sentenzi dwar il-ġrajja ta' meta Ġesù twieled fostna.**

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers